

# Proġetti ta' restawr fil-Każin Imperial

F'dawn l-aħħar sentejn, il-kumitat direttiv tal-Għaqda Mużikali Imperial ħa l-inizzjattiva li jibda xogħol ta' restawr fuq diversi oġġetti u opri oħra ta' importanza għall-għaqda.





1. Permezz tal-"Iskema Ngħinu Finanzjarjament lis-Soċjetajiet tal-Banda" amministrata mill-Kunsill Malti għall-Arti u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda sar xogħol ta' restawr tal-binja tal-każin u restawr tal-planċier. Ix-xogħol ta' restawr li sar fuq il-binja tal-każin kien jinvolvi xogħol fit-tieni sular, b'mod partikolari xogħol ta' lavur fiz-zokklatura fuq stil ionic maħdum fl-injam li ddawwar l-entrata tas-sala fit-tieni sular tal-każin. Ix-xogħol li sar ġie jikkumplimenta x-xogħol fis-sala prinċipali u dak li hemm diġà fis-sala tal-kumitat. Ġew imwaħħla wkoll żewġ linef li kienu irregalati lill-każin minn żewġ benefatturi u li ġew jikkumplimentaw ix-xogħol tal-lavur. Ir-restawr tal-planċier kien jinvolvi t-tindif bir-reqqa tal-injam u tal-lavur fl-injam mill-ħmieġ li akkumula, irtokk tal-istess injam skont kif neċessarju, tindif u żebgħa tal-ħadid li jżejjen id-dawra tal-planċier, xogħol ta' manutenzjoni fuq l-art tal-planċier, u xogħol ieħor addizzjonali li titlob is-sengħa u l-arti li jinkludi xogħol fuq il-ħames pilastri fuq in-naħa ta' wara tal-planċier. Dan ix-xogħol kollu sar taħt id-direzzjoni ta' żewġ persuni li diġà ħadmu fuq dan il-planċier fiż-żmien li għadda u anke fix-xogħol ta' lavur ġewwa l-każin. Dan huma l-iskultur, is-Sur Emanuel Cini, u l-mastrudaxxa professjonali, is-Sur John Sammut.









2. Proġett ieħor li sar kien iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea permezz ta' fondi amministrati mill-Majjistral Action Group Foundation f'Miżura 1. Ir-restawr sar fuq ħames oġġetti ta' valur kulturali u artistiku għall-Għaqda tagħna u għall-Mellieħa. Sar intervent ta' restawr fuq żewġ pitturi tal-mibki George Fenech, ġew irrestawrati ż-żewġ vetrini li kienu jservu bħala l-ewwel arkivju tal-għaqda tagħna, u sar xogħol ta' restawr fuq sett antik ta' qniepen (tubular bells). Permezz ta' dan il-proġett, dwan l-oġġetti ġew salvati mill-ħsarat li kienu qed isofru u permezz t'hekk issa jistgħu jgawduhom ta' warajna.






# The friendliest bar in Mellieħa

At Square Gastro Bar we're going back to basics,
offering you a delicious and varied menu,
familiar drinks, and great service.
Our portions are big, our regulars are plenty,
and our commitment is genuine.

Check our menu by
scanning QR code



Square Gastro Bar, Parish Square, Mellieħa | T: +356 7922 1837 | E: info@squarebar.com.mt | www.squarebar.com.mt